# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2256

Każ Nru 2849/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Carmelo k/a Charles Borg

u

Dragonara Gaming Limited

Data: 4 ta' Diċembru 2013

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat fit-3 ta' Novembru 2010 mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri f'isem Charles Borg fejn ġie allegat li kien ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetà Dragonara Gaming Limited. Is-Soċjetà intimata li kienet rappreżentata minn Johann Schembri u Pierre Zammit, assistiti mill-Avv. Katia Mercieca, ċaħdet dan. Inżammu 22 laqgħa.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti u differimenti twal li ntalbu u kienu konċessi ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Fil-21 ta' Ottubru 2010 ir-Rikorrent, li kien jokkupa l-posiżżjoni ta' *Assistant Gaming Manager,* kien mgħarraf mis-Soċjetà Intimata permezz ta' ittra li l-impieg tiegħu kien qed jiġi terminat "*as you are no longer suitable for this post*" waqt li ngħata somma ta' €4605.74 bħala *notice* ta' tnax il-ġimgħa. Is-Soċjetà Intimata tgħid illi r-Rikorrent wera nkompetenza, traskuraġni u nuqqas ta' responsabbiltà fix-xogħol tiegħu. Is-Soċjetà Intimata peress li kien allegatament inadegwat għar-rwol tiegħu offrietlu posizzjoni alternattiva, dik ta' *Pit Boss*, li r-Rikorrent irrifjuta. Għaldaqstant tgħid li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu kien ġustifikat. Qed tirriserva li titlob lura s-somma li kienet ingħatatlu bla preġudizzju. Ir-Rikorrent jgħid li huwa dejjem qeda d-doveri tiegħu tajjeb u saħansidra kien ingħata promozzjoni ftit qabel ma ġie liċenzjat. Kieku aċċetta l-post alternattiv li offrewlu kien ikun qed jiġi *demoted.*

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal huwa mitlub li jiddeċidi jekk il-liċenzjament tar-Rikorrent hiex waħda ġusta u suffiċjenti jew le. Iżda biex jagħmel ġudizzju irid bil-fors jifli dak kollu li ntqal matul is-smiegħ twil ta' dan il-każ kif ukoll id-dokumentazzjoni voluminuża li ġiet preżentata. Meta wieħed jara fir-reqqa dan kollu isib li s-Soċjetà Intimata iddeskriviet lir-Rikorrent mod waqt li d-difiża tar-Rikorrent tiddeskrivih totalment differenti. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn wieħed kważi jikkonkludi li kien hemm deskrizzjoni ta' żewġ persuni totalment differenti minn xulxin! It-Tribunal irid bilfors jiddeċidi fuq persuna li kellha ħajja lavorattiva fl-istess industrija ta' xi 37 sena li fl-aħħar ftit xhur ta' ħidmietha allegatament ingħatat promozzjoni, ġiet offruta *demotion* u finalment ġiet liċenzjata.

Jekk wieħed jibda mit-tarf isib li r-Rikorrent kien ġie liċenzjat għaliex allegatament ma baqax tajjeb għal post li kien jokkupa għal xi tliet snin, dak ta' *Assistant Gaming Manager*. Ir-Rikorrent kien ġie mitlub li jaċċetta kariga ta' *Pitboss,* post li kieku aċċettah kien ifisser li jinżel, skond hu, żewġ skali mill-post li kien qed jokkupa. Huwa rrifjuta li jaċċetta l-post li kien ifisser għalih *demotion.* Dana għax ftit ġimgħat qabel ir-Rikorrent jgħid li, flimkien ma' żewġ impjegati oħra, ġie promoss għal *Manager* tant hu hekk li ngħatalhom telefon *Blackberry* li kienu intitolati għalih biss il-*Managers*. Iżda għal xi raġuni jew oħra qalulhom li nonnostante l-promozzjoni n-nomenklatura tagħhom tibqa għal xi żmien dik ta' *Assistant Manager.*

Is-Soċjetà Intimata ma taqbilx li kien ġie promoss għal *Manager* anzi tgħid li xogħol ir-Rikorrent ma kienx sodisfaċenti u għad li kien impjegat validu ma kienx ta' livell maniġerjali. Għaldaqstant kien ġie offrut post alternattiv iżda b'kundizzjonijiet simili. Meta rrifjuta s-Soċjetà ntimata tgħid li ma kellha l-ebda alternattiva ħlief li tilliċenzjah. Tawħ ukoll somma ta' €4605.74 bħala *notice* iżda jgħidu li dan sar bi żvista.

It-Tribunal eżamina bir-reqqa r-raġunijiet mogħtija mis-Soċjetà Intimata għal-liċenzjament tar-Rikorrent. Tgħid assolutament ma kienx hemm promozzjoni. Kull ma kien hemm kien iktar *empowerment.* Ir-Rikorrent kellu nuqqas ta' taħriġ, kien jinsisti li l-ġimgħa tax-xogħol tiegħu kienet limitata għal 40 siegħa, kien jgħaddi ħafna żmien fl-uffiċju flok fil-*Gaming Floor*, kien jagħmel xi żbalji fir-*rostering* u kellu problemi fl-għoti ta' *leave* pendenti. Spiss ir-Rikorrent kien jassenti ruħu minn laqgħat tal-*Management.* Finalment kien hemm inċident dwar ġokatur li sar xi żball fir-rigward tiegħu u li kien jinvolvi lir-Rikorrent. Dwar dan kien ingħata *warning.*

Ir-Rikorrent jgħid li kien ilu tliet snin fil-kariga maniġerjali ta' *Assistant Gaming Manager*. Jirribatti għal akkużi kollha li ġie mixli bihom kemm għal dak li għandu x'jaqsam iż-żmien li jgħaddi fl-uffiċju, ir-*rostering*, xogħol fuq il-*leave* pendenti u n-nuqqas tiegħu f'xi laqgħat tal-*Managers*. Dwar l-inċident tal-ġokatur li dwaru kien ingħata *warning* ir-Rikorrent ta stampa differenti minn dik tas-Soċjetà Intimata.

It-Tribunal jinnota li s-Soċjetà Intimata addebitat lir-Rikorrent b'numru ta' twissijiet li huma dawk deskritti bħala *file notes.* Wara li eżaminhom it-Tribunal jidhirlu li dawn ma jaqawx taħt il-kategorija ta' *warnings.* Dana għaliex ma jikkostitwux prova inekwivoka bħala twissjiet lir-Rikorrent. Dan it-Tribunal kemm il-darba rrefera għal twissijiet u ta l-opinjoni tiegħu dwarhom. Twissija hija element importanti fil-qafas dixxiplinarju u għandha għaldaqstant tingħata importanza. It-Tribunal iggwida ruħu mid-definizzjoni li ngħata fil-każ *Plasticers Ltd vs Harold Amos* deċiża l-Ingilterra mill-*Employment Appeals Tribunal* fejn intqal testwalment "*warning is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described... as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful*". L-ebda *file note* ma tista tissostiwixxi twissija.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi anke jekk għal grazzja tal-argument ir-Rikorrent ma kienx ingħata dik il-promozzjoni ta' *Manager* huwa wettaq doveri maniġerjali fuq perijodu ta' tliet snin bħala *Assistant Manager.* Skond is-Soċjetà Intimata kien flimkien ma' oħrajn ingħata *empowerment* ġdid. Ftit tal-ġimgħat wara inħass il-bżonn li jiġi *demoted.* Dan għax skoprew li allegatament ma kienx tajjeb għal post li kien jokkupa. Huwa diffiċli ħafna għat-Tribunal illi jkun konvint li dana kollu wassal biex is-Soċjetà Intimata tikkonkludi li r-Rikorrent ma kienx tajjeb għal xogħolu. L-assjem totali tal-provi li ressqet is-Soċjetà Intimata ma jikkonvinċix lit-Tribunal.

## **4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Carmelo k/a Charles Borg minn mas-Soċjetà Intimata Dragonara Gaming Limited ma kienx għal raġuni xierqa u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikkorrent mis-Soċjetà Intimata fl-ammont ta' €30,000 li minnha trid titnaqqas is-somma ta' €4605.74 li r-Rikorrent kien irċieva bħala *notice*.

Is-somma netta ta' €25,394.26 trid titħallas in kwantu għal €15,000 mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 u r-rimanenti somma sal-31 ta' Jannar 2014.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja